**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 61**

13 ta' Frar 2023

Il-wieħed u sittin (61) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

61.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

61.1.1. Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji.

61.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

61.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tad-disa' u ħamsin (59) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

61.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

61.2.3. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sittin (60) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

61.2.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

61.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 59.2.4 u staqsa f'hiex kienu waslu t-tabelli ta' Triq San Franġisk. Is-SE qal li kienu ġew ordnati biss għadhom ma waslux. Huwa kompla billi qal li kienu waslu t-tabelli ta' Triq Macerata.

61.2.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux waslu t-tabelli tal-wet food tal-qtates. Is-SE qal li dawn ukoll kienu ġew ordnati iżda għadhom ma waslux. Huwa qal li kienu ġew ordnati wkoll it-tabelli tal-blokkijiet tal-Fosos.

61.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 59.2.6 dwar il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss li kienu reġgħu telgħu minħabba l-maltemp. Is-SE qal li kienet ittieħdet azzjoni immedjata mil-ħaddiema biex dawn jerġgħu jitpoġġew posthom. Huwa qal li kien bagħat ukoll lil Transport Malta, lil Infrastruttura Malta u lill-Ministru konċernat sabiex tinstab soluzzjoni permanenti kemm għal kaptelli kif ukoll biex il-vetturi ma jibqgħux jipparkjaw fuq il-bankina.

61.2.7.1. Is-Sindku qal li biex qed jogħlew il-kaptelli, jista' jkun hemm xi sadda li qed iżżomm l-ilma milli joħroġ sew.

61.2.7.2. Is-SE qal li issa kienet intalbet laqgħa dwar dan sabiex flimkien mal-entitajiet, il-Kunsill jara x'jista' jsir.

61.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 59.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward iż-żabra tas-siġar fiż-żona tal-isptar Sir Paul Boffa u taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku qal li kien ser jiltaqa' ma' kuntrattur ġdid sabiex jinstab ġardinar ieħor li jkun jista' jieħu ħsieb anke l-ġonna tal-lokalità.

61.2.8.1. Is-SE qal li minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill, jista' jsir ftehim ma' dan il-kuntrattur għal perjodu qasir sakemm tinħareġ is-sejħa għall-offerti għaż-żamma tas-soft areas u l-ġonna.

**Nota: 17:13 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

61.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 59.2.9.1 rigward il-culverts fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-proposta li ressaq il-Kunsill. Is-SE qal li kien ressaq il-proposta u għadda l-korrispondenza lill-Perit responsabbli. Huwa qal li l-materja kienet ġiet diskussa wkoll meta ġie l-Perit tal-kuntrattur. Huwa qal li sa dakinhar però, kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

61.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 59.4.3 rigward il-bankina ta' ħdejn il-monument tal-gwerra. Is-Sindku qal li l-korrispondenza kienet intbagħtet iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Is-Sindku kompla billi nsista li din il-bankina għandu jkollha pavimentar tajjeb u mhux tarmak.

## 61.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

61.3.1. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ġie kkuntattjat mill-Fegħa Armar ta' Barra flimkien mal-Arċipriet li nformawh li kien daħlilhom xi ilma fil-kannierja. Huwa qal li kien mar fuq il-post flimkien mal-Kunsillier JAE sabiex jaraw x'inhi l-problema. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li l-Arċipriet jagħmel xi ċangaturi żgħar madwar il-bokok ta' ventilazzjoni li hemm fuq izzuntier u xi tip ta' gradilja fuqhom filwaqt li l-kunsill jgħin billi jkabbar il-bokka u l-gradilja tal-isprall li hemm fi Triq Sarria maġenb id-dar tal-Arċipriet u z-zuntier. L-Arċipriet kellu jiġbor il-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

**Nota: 17:23 Il-Viċi Sindku AD attenda għal-laqgħa.**

61.3.1.1. Il-Kunsillier JAE informa li l-Arċipriet kien talab jekk tistax issir bollard biex il-vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu fuq iz-zuntier. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

61.3.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-ilma li daħal għand il-ġar tal-Kunsill u nforma li kienet inġiebet persuna sabiex tnaddaf il-gulley tal-Kunsill li jidher li kien miżdud. Huwa kompla billi qal li hemm bżonn li titranġa l-katusa u titqabbad sew u kif suppost, kif ukoll li jsir waterproofing mal-ħajt ladarba tinxef sew il-ġebla.

61.3.3. Is-Sindku xtaq jirringrazzja pubblikament lis-Sur Joseph Hili li provda vann lill-Kunsill sabiex jiġu trasportati l-affarijiet li nġabru għat-terremot li seħħ.

61.3.3.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħti tifkira żgħira lil min ikun għen matul is-sena, fosthom is-Sur Hili, f'Jum il-Floriana. Is-Sindku qal li din il-materja għandha tiġi diskussa fl-aġenda.

61.3.3.2. Is-SE nforma li l-iskola wkoll kienu ikkontribwixxew b'ġabra li saret fost l-istudenti u l-istaff.

61.3.4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bi stqarrija li ser toħroġ rigward il-funtana tal-iljun. Wara li nqrat l-istqarrija, il-Kunsillier JAE ppropona li tiżdied sentenza li tgħid li l-iskultura tinsab miżmuma f'post sigur. Il-Kunsill approva ż-żieda u qabel li tinħareġ l-istqarrija. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkonferma fejn qed tinżamm l-iskultura li nqalgħet.

61.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Hospice Malta fejn informaw b'servizz li joffru lin-nies fil-bżonn u talbu lill-Kunsill jikkunsidra li joffri assistenza fit-trasport sabiex ikunu jistgħu ikomplu joffru s-sapport neċessarju lin-nies vulnerabbli. Il-Kunsill qabel li għandu joffri dan is-servizz lir-residenti tal-lokalità, kif teknikament diġà kien qed jagħmel grazzi għall-vettura elettrika li xtara.

61.3.6. Is-Sindku ressaq lista' ta' assi li ser jitneħħew mill-inventarju tal-Kunsill:

- INV OF 001
- INV 8
- INV OF 024
- INV OF 010
- INV 31

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li dawn jitneħħew.

61.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena li talbu konferma jekk hux ser jiġi mitlub is-servizz tal-banda għal Jum il-Floriana, kif soltu jsir. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma s-servizz għal nhar is-16 t'April 2023 għall-prezz ta' €1400.

61.3.7.1. Is-Sindku nforma wkoll li kienu offrew lill-Kunsill sabiex jirreklama magħhom, għall-prezz ta' €250. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 61.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

61.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-laqgħa li l-Kunsill talab miegħu. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

61.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-fanali ornamentali. Il-Viċi Sindku AD qal li mar ġol-workshop indikat biss jidher li l-fanali ornamentali li kien hemm kienu differenti minn dawk li kien hemm fuq il-Fosos.

61.4.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-istop sign ta' Triq San Tumas u Triq l-Iljun. Is-SE qal li flimkien mas-Sindku, kien iltaqa' mal-Arċipriet u l-kuntrattur, u kienu talbu li d-dawl isir kif suppost. Huwa kkonkluda billi qal li kien intlaħaq ukoll ftehim sabiex il-kuntrattur joħroġ it-tabelli fuq barra tal-iscaffolding u biex il-bankina tibqa' aċċessibbli.

61.4.4. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar l-istop sign ta' mal-art sabiex tkun tista' terġa' ssir l-istop sign fi Triq San Tumas. Is-SE qal li ser jagħti struzzjonijiet biex dawn isiru għallinqas bl-ittri żgħar li għandna għax jaħseb li huma biżżejjed għall-kobor tat-triq.

61.4.4.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk hux possibbli li ssir mera fi Triq San Tumas. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

61.4.5. Il-Kunsilliera JP informat li waħda mit-traffic lights li hemm kif titla' mill-Bombi kienet maqtugħa. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni ta' min hu responsabbli sabiex din titranġa.

61.4.6. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex jiżdied id-dawl li hemm fiż-żona ta' ħdejn Bieb il-Bombi, fi Triq Nazzjonali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

61.4.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal diversi tabelli mgħawwġin madwar il-lokalità, fosthom int u nieżel għall-isptar Sir Paul Boffa u ħdejn il-bieb prinċipali tal-Knisja, u talbet li dawn jiġu rranġati. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-ħaddiema manwali sabiex dawn jitranġaw.

61.4.8. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-ispralli li tkissru riċentement fit-Telgħa tal-Kurċifiss u staqsiet jekk il-Kunsill kienx tkellem mal-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għandu jkellimhom sabiex l-ispralli jiġu rranġati malajr kemm jista' jkun. Is-SE qal li l-ħaddiema tal-Kunsill irranġaw kif setgħu il-periklu u kkomunika wkoll ma' TM u IM biex tinħaseb soluzzjoni aktar permanenti.

61.4.9. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand residenta biex issir bollard minflok id-double yellow line li hemm int u nieżel għal ħdejn l-isptar Sir Paul Boffa, minħabba li l-vetturi xorta qed jipparkjaw illegalment b'konsegwenza li titnaqqas il-viżibilità għax-xufiera. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel ukoll li għandu javża lill-gwardjani lokali u lill-Pulizija b'din is-sitwazzjoni.

61.4.10. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li ssir ħarġa għal Għawdex konġuntament mal-Floriana Ajax, fejn il-Kunsill jieħu ħsieb li jħallas it-trasport. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju iżda talab li titressaq talba formali li tindika l-ispiża li kien ser jassorbi l-Kunsill.

61.4.10.1. Is-Sindku VB qal li hemm bżonn li jinstab bilanċ f'kemm il-Kunsill jikkollabora ma' entitajiet u dan minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji li l-Kunsill għandu. Il-Kunsill innota dan.

61.4.11. Il-Kunsilliera SSH qalet li ħafna mid-dustbins li hemm madwar il-lokalità kienu mimlijin, inkluż dawk tal-Fosos. Is-SE qal li d-dustbins kienu tbattlu kollha l-ġimgħa l-oħra. Huwa kompla billi qal li t-tbattil tad-dustbins jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kenniesa biss peress li sas-sena l-oħra, kemm il-knis kif ukoll il-ġbir ta' skart kien isir mill-istess kuntrattur, kien jiġborhom tal-iskart stess. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kenniesa sabiex jibdew jieħdu ħsieb ibattlu d-dustbins.

61.4.12. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm il-bins tal-Fosos iż-żgħar maqlugħin. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-ħaddiema manwali sabiex dawn jitwaħħlu.

61.4.13. Il-Kunsilliera SSH informat li ma kienx hemm dawl fi Pjazza Robert Samut. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur.

61.4.14. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal Triq Sir Luigi Preziosi u staqsiet jekk kienx hemm xi risposta. Is-SE nforma li kien bagħat lill-Enemalta u għandhom jibgħatu t-tekniċi.

61.4.15. Il-Kunsilliera SSH informat li hemm id-dawl maqtugħ fi Triq is-Suq ma' Triq il-Kapuċċini, kif ukoll Triq San Tumas ma' Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma sabiex dawn jitranġaw.

## 61.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

61.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

61.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 45/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

61.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

61.6.2. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda tal-petty cash li wkoll ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Wara mozzjoni mressqa mill--Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 61.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2023 U FINANCIAL STATEMENTS 2022

61.7.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq quddiem il-Kunsill il-baġit għas-sena 2023.

61.7.2. Il-baġit ġie approvat b'mod unanimu, bir-riżultat ikun favur nem con.

61.7.3. Is-SE nforma li l-financial statements kienu għadhom ma tlestewx u għalhekk ser ikollha tissejjaħ laqgħa straordinarja fil-jiem li ġejjin sabiex dawn jiġu approvati.

## 61.8 AĠĠORNAMENT DWAR KARNIVAL, ST. PATRICK'S DAY, U FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR

61.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien ġibed l-attenzjoni ta' Festivals Malta li l-loġoġ ma kienux qed ikunu mixgħulin kif kienu qabel.

61.8.1.1. Il-Kunsillier JAE staqsa fuq il-mobile toilets u l-arranġamenti u talab li tinżamm il-kawtela biex tinżamm l-indafa.

61.8.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-attività ta' St Patrick's Day u qal li l-Kunsill kien qabel li l-ispiża ma teċċedix dik ta' €3500. Huwa qal li l-attività ser issir b'mod konġunt mal-Floriana Ajax u ser tinżamm nhar it-12 ta' Marzu 2023.

61.8.2.1. Il-Kunsillier JAE talab biex darboħra jistennew l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma joħorġu l-kartellun.

61.8.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u qal li kien intlaħaq ftehim mal-MTA fejn il-Kunsill se joħroġ sa massimu ta' €15000 u l-kumplament tal-ispiża tinħareġ mill-MTA.

61.8.3.1. Huwa kompla billi qal li kien ser jiġi ffirmat kuntratt għal din is-sena kemm għall-festival tan-nar kif ukoll għall-Isle of MTV, u li l-kuntratti ser jibdew isiru sena b'sena.

61.8.3.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux saru t-toqob li hemm bżonn. Is-SE qal li l-għada kienu ser jiltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Public Works sabiex jaraw il-bżonnijiet u r-rekwiżiti neċessarji.

61.8.3.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk hux ser isir il-logħob tan-nar tal-ajru flimkien ma' dak tal-art. Is-SE kkonferma li mhux ser isir hekk u li dik kienet eċċezzjoni li ġrat is-sena ta' qabel minħabba kif ħabtu l-festi.

## 61.9 Kumitat għal reviżjoni tal-premjijiet u regolamenti ta' Jum il-Floriana

61.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li hu jemmen li l-kumitat għandu jikkonsisti mill-Kunsill kollu u li għandu jiltaqa' b'mod informali sabiex kulħadd ikun jista' jiddiskuti l-ideat tiegħu.

61.9.2. Huwa qal li hu kienet għoġbitu l-idea mressqa mill-Kunsillier JAE li jiġi ppremjat xi ħadd li jkun għamel xi ħaġa t'għajnuna matul is-sena. Il-Kunsillier JAE qal li l-premju għandu jkun rikonoxximent u mhux Ġieħ il-Floriana.

61.9.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' nhar it-Tnejn 27 ta' Frar fil-5pm.

## 61.10 Il-possibbiltà ta' trasferiment ta' Ġenna ta' Ġonna għal Mejju

61.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-possibbiltà li l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna ssir f'Mejju.

61.10.2. Is-SE qal li għal din is-sena kien wisq qrib li din tiġi kunsidrata u għalhekk il-Kunsill qabel li jista' jikkunsidra li din issir f'Mejju mis-sena d-dieħla 'l quddiem.

61.10.3. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni li f'Mejju tas-sena 2024 hemm possibbiltà li jkun hemm l-elezzjoni tal-kunsilli.

61.10.4. Il-Kunsill qabel li għalkemm jixtieq li jorbot din l-attività ma' Jum it-Twaqqif tal-Floriana biss il-Kunsill preżenti ma jixtieqx jorbot il-leġislatura li jmiss b'deċiżjoni li ser tkun qed taffettwa lilha.

61.10.5. Il-Viċi Sindku AD ppropona li l-Kunsill jieħu l-opportunità sabiex fil-festa jippromwoviha iktar.

61.10.6. Il-Kunsilliera JP pproponiet li jsir survey.

61.10.7. Is-SE qal li l-Kunsill jista' jibda' jiltaqa' mal-għaqdiet.

61.10.8. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax ibda' jingħata token ta' parteċipazzjoni lil dawk li jipparteċipaw fl-attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jibda' jingħata dan ir-rikonoxximent.

## 61.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

61.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum It-Tnejn 13 ta' Marzu 2023**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |